MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 40/2010

**Maurice Borg**

**Vs**

**Electro Fix Limited**

Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Jannar 2010, l-attur ipprezenta u talab:-

*1. Illi fil-11 ta' Lulju 2008 waqt li l-attur kien fl-impjieg tas-socjeta' konvenuta bhala electrician huwa wegga' waqt li kien fuq il-lant tax-xoghol;*

*2. Illi l-incident de quo sehh unikament minhabba htijiet imputabbli lis-socjeta' konvenuta;*

*3. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni ingenti inkluz li inkorra dizabilita' fil-persuna tieghu ta' natura permanenti;*

*4. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata anke permezz ta' ittra ufficjali numru 3160/09 ipprezentata fil-31 ta' Awissu 2009 sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-incident de quo, hija baqghet inadempjenti;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Lulju 2008 fuq il-lant tax-xoghol tal-attur u li bhala konsegwenza tieghu l-attur sofra danni ingenti inkluz dizabilita' ta' natura permanenti;*

*2. Tillikwida d-danni kollha li nkorra l-attur bhala konsegwenza tal-istess incident occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu 2009 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta, filwaqt li Joseph Schembri huwa ngunt in subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fl-4 ta' Marzu 2010 il-konvenuta wiegbet:-

*1. Illi minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-eccezzjonijiet, is-socjeta' esponenti ma tahti bl-ebda mod ghal kwalunkwe dannu, inkluza hsara fuq persuntu jew dizabilita' permanenti, sofferta mill-attur kif allegat minnu permezz tar-rikors promotur;*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-eccezzjonijiet li ser isegwu, ir-rikorrenti ghandu jaghti prova illi effettivament sofra d-danni reklamati minnu, inkluzi danni konsistenti f'dizabilita' permanenti fuq persuntu, u wkoll provi dwar l-ammont li skond hu ghandu jigi likwidat favurih;*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-eccezzjonijiet li ser isegwu, is-socjeta' esponenti m'ghandha taghti xejn lill-attur;*

*4. Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, m'hemm ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur;*

*5. Illi, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

Il-kaz jitratta dwar incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-11 ta' Lulju 2008. L-attur kien qieghed fuq sellum u waqa' kwazi gholi ta' sular. L-unici persuni li kienu prezenti kienu l-attur u Carlos Borg, haddiem iehor. Jidher li s-sellum kien *foldable* u kien jestendi.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

i. Ghalkemm l-attur ipprova jaghti x'jifhem li ma kellhomx oggetti ta' sigurta' biex jahdmu bihom, il-provi juru mod iehor. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghad-dokument X1 a fol. 140 li hu ffirmat mill-attur u li fih huma elenkati l-oggetti li kienu nghataw lill-attur, fosthom *"First Aid Box c/w safety equipment (2 harness, 2 ingwanti, 2 helmets, 1 goggle, 2 sdiri)"*.

ii. Fil-kors tal-proceduri l-attur ma tax il-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident (ara affidavit a fol. 117 u kontro-ezami a fol. 138A)[1].

iii. Meta sehh l-incident kien hemm prezenti Carlos Borg, impjegat iehor tal-kumpannija konvenuta. Fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2010, Carlos Borg xehed li waqt li l-attur kien qieghed fuq is-sellum, "…. *dahar bih u nghalaq bih"* (fol. 38). L-attur pprezenta dikjarazzjoni li x-xhud ghamel quddiem l-avukat li dak iz-zmien kien qieghed jassisti lill-attur. Fiha jinghad: *"Meta Maurice kien tela' madwar disa' filati u cioe' qabez in-nofs tas-sellum, f'daqqa wahda **s-sellum inghalaq 'il gewwa bih fuqu** u jiena rajt lil*

[1] Fir-rapport mediku ta' Mr Carmel Grixti, jinghad li l-attur kien qallu *"Ma jiftakarx l-accident"* (fol. 160).

*Maurice jipprova izomm izda ma setax u baqa' niezel ghal isfel u gie fuq genbu tal-lemin"*[2]. Dikjarazzjoni li qatt ma giet konfermata bil-gurament. Kien biss f'affidavit li kkonferma fid-9 ta' April 2013 (fol. 155)[3] li Carlos Borg qal: *"Rigward l-incident li naf nghid zgur hu li* ***s-sellum kien poggieh hazin mal-hajt, fis-sens illi poggieh bil-kontra****.... F'daqqa u l-hin kif qabez il-kamin tas-sellum, bil-piz tieghu s-sellum dahar bih u nghalaq".* Qabel din il-verzjoni qatt ma kien semma li l-attur pogga s-sellum mal-hajt, **bil-kontra**. L-istess irrepeta meta sarlu l-kontro-ezami fil-11 ta' Novembru 2014. Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, hu evidenti li qeghda tibbaza d-difiza taghha fuq din il-verzjoni ta' Carlos Borg[4]. Meta xehed l-ewwel darba qal ukoll li ma kienx jiftakar jekk kienx hu jew l-attur li serrhu s-sellum mal-hajt (ara fol. 38). Min-naha l-ohra in kontro-ezami (seduta tal-11 ta' Novembru 2014) qal iktar minn darba li kien l-attur li pogga s-sellum mal-hajt. Hemm inkonsistenza evidenti bejn dak li xehed Carlos Borg fl-affidavit u fil-11 ta' Novembru 2014, meta paragunat mal-verzjoni li x-xhud irrakkonta fl-1 ta' Lulju 2010. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva li:

(a) M'huwiex verosimili li x-xhud l-ewwel qal li ma kienx jiftakar min pogga s-sellum mal-hajt imbaghad snin wara jiftakar li kien l-attur li poggieh mal-hajt. Ir-raguni tghidlek li iktar ma jghaddi zmien, ix-xhud inqas ser jiftakar. F'dan il-kaz gara l-oppost. Kien fl-affidavit li Carlos Borg qal ghall-ewwel darba li l-attur pogga s-sellum b'mod hazin u li kien: *"Mija fil-mija minn dan li qed nghid"* (fol. 155). Jekk din hi l-verita' mela kien isemmiha meta xehed fl-1 ta' Lulju 2010 u fid-dikjarazzjoni li ffirma.

(b) Meta x-xhud xehed l-ewwel darba, qatt ma semma li l-attur kien pogga s-sellum mal-hajt, bil-kontra. Fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2010 sarulu sensiela ta' domandi sabiex ix-xhud ighid kif sehh l-incident. Ix-xhud m'ghamel ebda accenn li l-attur ghamel xi haga hazin. Fatt li nsibuh ukoll fid-dikjarazzjoni li ghamel (fol. 45), minkejja li ma gietx konfermata bil-gurament. Madankollu d-dikjarazzjoni xorta hi ffirmata minn Carlos Borg.

Din l-inkonsistenza twassal lill-qorti biex ma temminx dak li qal ix-xhud fl-affidavit u l-kontro-ezami li sarlu fil-11 ta' Novembru 2014.

iv. Joseph Schembri, direttur tal-konvenuta pprezenta sitt ritratti (fol. 149-154) fejn jidher sellum li qal li fuqu wegga' l-attur. Min-naha tieghu l-attur ma kkummenta xejn dwar dan u lanqas gie mistoqsi. Schembri xehed li ftit granet qabel l-incident kien mar f'post iehor fejn kien qieghed jahdem l-attur, u *".... Gbidtlu l-attenzjoni fuq il-fatt li s-sellum kien imqieghed hazin"* (fol. 145). Hu evidenti li x-xhud ghamel riferenza ghal dik l-okkazzjoni biex

[2] Dr Robert Mangion xehed li din id-dikjarazzjoni kienet giet preparata fl-ufficcju tieghu u kien abbozz ta' affidavit (fol. 44).
[3] Prezentat mill-kumpannija konvenuta.
[4] Ara dik il-parti tan-nota ntestata *"2) Kien l-attur stess illi pogga s-sellum hazin".*

jikkorabora l-verzjoni ta' Carlos Borg li dakinhar tal-incident l-attur kien ukoll qieghed jaghmel uzu mis-sellum b'mod hazin. Madankollu l-qorti m'hijiex konvinta li s-sellum li jidher fir-ritratti a fol. 149-154 hu dak li l-attur kien qieghed juza meta wegga'. Konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha minhabba li:-

(a) Carlos Borg, li l-konvenuta stess ressqet bhala xhud taghha, qal li fl-incident is-sellum inghalaq;
(b) Is-sellum li jidher fir-ritratti fol. 150-154 m'ghandux indikazzjoni li nghalaq. Il-brackets li hemm f'nofs is-sellum huma tal-azzar. Ghalkemm ghandu xi snien mghawwgin, m'hemm l-ebda ndikazzjoni li s-sellum inghalaq (ara per ezemju ritratt JS6 a fol. 151). Fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2010 Carlos Borg xehed: *"Avukat: Jigifieri inti rajtu b'ghajnejk jinghalaq bih ? **Xhud: Ezatt**"*. Kieku s-sellum li jidher fir-ritratti inghalaq waqt li l-attur kien fuqu, il-qorti m'ghandhiex dubju li l-hsara fil-brackets kienet tkun ferm iktar minn dik li tidher fir-ritratti.

Taht dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi moralment konvinta li Schembri, direttur tal-kumpannija konvenuta, ipprezenta ritratti ta' sellum li ma kienx dak li wegga' fuqu l-attur. Dan m'huwiex accettabbli. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-attur kien inghata sellum difettuz. Hekk biss tista' tispjega 'l fatt li s-sellum inghalaq waqt li l-attur kien qieghed fuqu. Sellum li rrizulta li kien tal-kumpannija konvenuta. Hu d-dmir tal-principal li jiccerta ruhu mis-sigurta ghall-impjegati tieghu u li jizgura li l-ghodda li jaghti lill-haddiema ma tkunx difettuza.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni, l-attur naqas milli jipprezenta prospett tad-danni li qieghed jippretendi. L-unici provi li hemm jirrelataw ghad-debilita permanenti. Mill-provi rrizulta li:

i. L-attur twieled fid-19 ta' Marzu 1972 (fol. 217). Ghalhekk fid-data tal-incident kellu 36 sena. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq multiplier ta' 20 sena;
ii. L-introjtu tal-attur matul is-sena 2008 kien €10,172 (fol. 115). Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' €10,700 fis-sena, biex b'hekk tiehu in konsiderazzjoni l-awment matul is-snin;
iii. Skond il-perit mediku nominat mill-qorti, l-attur ghandu debilita ta' 8% (fol. 165);
iv. L-attur ipprezenta l-kawza fil-15 ta' Jannar 2010. Minn dakinhar ghaddew 5 snin[5]. Ghalhekk il-qorti ser tnaqqas 12%.
v. Skond il-perit mediku[6], l-attur qieghed ibati minn debilita permanenti ta' 8%. Hadd mill-partijiet ma kkritika r-rapport.

[5] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell, **Annunziata Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004.
[6] Il-perit mediku pprezenta r-rapport fl-14 ta' Novembru 2012. Ghalkemm l-attur ipprezenta rapport mediku ta' Mr Massimo Abela li jghid li ghandu debilita permanenti ta' 20%, dan ir-rapport hu datat

Ghalkemm kienet ghazla tal-attur li ma jirritornax lura ghax-xoghol, ma jfissirx li m'hemmx danni x'jithallsu. Hu fatt maghruf li llum il-gurnata f'kazijiet li jirrelataw ghal incidenti fejn persuna ssofri minn debilita permanenti, il-qrati jillikwidaw id-danni biex tikkumpensa ghad-debilita li jkun sofra l-attur. Dan apparti li mid-deposizzjoni ta' Mr Massimo Abela hu evidenti li l-griehi li sofra l-attur ghandhom effett ukoll fuq il-kapacita tieghu li jaghmel certu xoghol. Ghalhekk il-qorti tillikwida d-danni:-

€10,700 x 20 sena = €214,000 x 8% = €17,120 – 12% = **€15,065.60**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-attur. Tillikwida d-danni fis-somma ta' hmistax-il elf u hamsa u sittin ewro u sittin centezmu (€15,065.60) u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas din is-somma lill-attur, bl-imghax mil-lum**. **Spejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

16 ta' Gunju 2009. L-indikazzjoni hi li kien hemm titjieb fil-kundizzjoni tal-attur. Tant hu hekk li matul is-sena 2009 gie ccertifikat li jista' jidhol lura jahdem. L-attur stess xehed li meta Joseph Schembri qallu biex jidhol lura ghax-xoghol, irrifjuta *".... ghax ma xtaqtx inkompli fuq dak ix-xoghol"* (fol. 138D).